II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1271

tal-25 ta' Lulju 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1848 rigward l-ammont disponibbli għar-Rumanija għar-rimborż, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja tal-2018

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(6) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1848 ([2]) jistabbilixxi l-ammonti li jsiru disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż lill-benefiċjarji finali fis-sena finanzjarja tal-2019. Dawk l-ammonti jikkorrispondu għat-tnaqqis tad-dixxiplina finanzjarja li ġie applikat effettivament mill-Istati Membri fis-sena finanzjarja tal-2018 abbażi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa tal-Istati Membri għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru 2017 sal-15 ta' Ottubru 2018.

(2) Fir-rigward tar-Rumanija, id-dikjarazzjoni dettaljata tan-nefqa ma qisitx bis-sħiħ il-limitu ta' EUR 2 000 li japplika għad-dixxiplina finanzjarja skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għalhekk, bil-ħsieb li jkun hemm ġestjoni finanzjarja tajba, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1848 l-ebda ammont ma sar disponibbli għar-rimborż għar-Rumanija.

(3) Sussegwentement ir-Rumanija informat lill-Kummissjoni dwar l-ammont korrett ta' dixxiplina finanzjarja li kellu jiġi applikat fir-Rumanija fis-sena finanzjarja tal-2018 meta jitqies b'mod sħiħ il-limitu ta' EUR 2 000. Sabiex ikun żgurat li r-rimborż tal-ammonti rilevanti lill-bdiewa Rumeni jkun jista' jsir, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina l-ammont korrispondenti li jsir disponibbli għar-Rumanija.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1848 jiġi emendat skont dan.

(5) Billi l-emenda prevista f'dan ir-Regolament taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1848, li japplika mill-1 ta' Diċembru 2018, jenħtieġ li dan ir-Regolament ukoll japplika minn dik id-data; għalhekk jenħtieġ li r-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1848 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-rimborż, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja tal-2018 (ĠU L 300, 27.11.2018, p. 4).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-Tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1848, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara r-ringiela li tikkonċerna l-Portugall:

"Ir-Rumanija	16 669 111"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali